MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 278/2006

**AB**
**vs**
**CD**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi l-kontendenti zzewgu fit-30 ta' Ottubru tas-sena 1998, u dan kif jirrzulta mic-certifikat taz-zwieg relattiv illi qed jigi anness, esebit u mmarkat bhala Dok. "A";

2. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldu l-ebda tfal;

3. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 24 ta' Mejju 2006, fl-atti tan-Nutar Dottor Daniela Mifsud Buhagiar;

4. Illi l-kunsens tal-konvenuta nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew ghad-dritt ghall-att taz-zwieg;

5. Illi effettivament il-konvenuta rrifjutat illi jkollha t-tfal miz-zwieg ta' bejn il-kontendenti b'dan illi hija dejjem sostniet ma' l-esponenti li riedet tavvanza fil-karrier taghha u li ghaldaqstant ma riedetx illi jkollha tfal;

6. Illi in oltre l-esponenti jirrileva bir-rispett illi matul iz-zwieg il-konvenuta kellha wkoll relazzjoni extra-maritali liema relazzjoni effetivament wasslet ghas-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet;

7. Illi ulterjorment il-kunsens tal-konvenuta ghaz-zwieg kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha a tenur ta' l-Artikolu 19(1)(d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Illi meta l-partijiet iccelebraw iz-zwieg ta' bejniethom il-konvenuta kien ghad kellha biss tmintax (18)-il sena, b'dan illi effettivament, kif irrizulta bl-aktar mod car matul il-hajja mizzewg u kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-proceduri odjerni, il-konvenuta ma gharfitx l-obbligazzjonijiet u r-responsabbilitajiet illi jgib mieghu z-zwieg;

9. Illi ulterjorment il-kunsens tal-konvenuta kien simulat u dan kif ser jigi ppruvat ukoll matul il-kawza odjerna, kif ukoll huwa vizzjat fit-terminu tal-Paragrafu A tal-Artikolu precitat;

10. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-kontendenti huwa null u bla effett fil-Ligi ai fini tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 19 ta' l-Att Dwar iz-Zwieg ta' l-1975;

11. Illi dawn il-fatti huma a diretta konoxxenza ta' l-esponenti;

Ghaldaqstant, tghid il-konvenuta ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-30 ta' Ottubru 1998, huwa null u bla effett fil-ligi ai termini tal-Att Dwar iz-Zwieg ta' l-1975, ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenuta;

2. Tordna li dina n-nullita' taz-zwieg fuq imsemmija tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta eccepiet:
1. Illi l-attur jibbaza l-vertenza odjerna fuq diversi kawzali u li skond hu, huma esklussivament attribwibbli lill-esponenti;
2. Illi l-affermazzjonijiet attrici huma difettuzi fejn jattribwixxu d-deficejnzi fil-hajja konjugali unilateralment a karigu tal-esponenti;
3. Illi fir-rigward tal-kunsens tal-esponenti u li dan nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew ghad-dritt ghall-att taz-zwieg, l-esponenti tissottometti li dan in-nuqqas hu wkoll attribbwibbli lill-attur. Illi l-istess jinghad fil-konfront tal-kunsens taz-zwieg illi kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijet u d-dmirijiet essenzjali taghha u anke' fil-konfront tal-istess kunsens li nkiseb u inghata b'simulazzjoni;
4. Illi ghalkemm l-esponenti kellha tmintax-il (18) sena meta zzewget ma' l-attur, jibqa' l-fatt illi anke' l-attur ma kellux eta' daqstant kbira li setghet ghenitu jgharaf l-obbligazzjonijiet u r-responsabilitajiet tal-hajja konjugali b'mod ahjar u izjed car mill-esponenti;
5. Illi l-accenn ghal xi relazzjoni extramaritali li setghet kellha l-esponenti hu futili u semplicement intiz sabiex jahli l-hin ta' din l-Onorabbli Qorti stante li mhux loku f'kawza ta' annullament;
6. Illi jigi affermat li l-attur, mill-bidu nett taz-zwieg, ukoll qatt ma xtaq tfal u li ghalhekk qatt ma ried, jew wera x-xewqa li jibni familja mal-esponenti, irriespettivament mix-xewqa ta' avvanz fil-karriera taghha o meno;

7. Illi inoltre jinghad li z-zwieg bejn il-kontendenti kien wiehed li resqu ghalih minhabba pressjoni maghmula mill-familjari taz-zewg partijiet, mill-influwenza gejja mill-hbieb taghhom u anke' talli hassewhom b'xi mod kostretti li jintrabtu minhabba l-kredenza tar-religjoni taghhom (Jehova Witnesses);

8. Illi minn dan kollu jsegwi li hemm htija, din hija taz-zewg partijiet u mhux esklussivament ta' wahda jew wiehed minnhom;

Bir-riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fit-30 ta' Ottubru 1998 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-konvenuta kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta. Minn naha taghha l-konvenuta tattribwixxi n-nulltita' taz-zwieg ghal ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet in bazi ghall-paragrafi precitati.

**Kwadru tal-fatti**

Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Mill-provi jirrizulta li l-attur izzewweg lill-konvenuta fit-30 ta' Ottubru 1998, meta allura l-attur kellu 23 circa sena filwaqt li l-konvenuta kellha 18-il sena circa, u meta kienu ilhom jafu lil xulxin hames snin. Wara konvivenza matrimonjali ta' circa sena u nofs, il-hajja konjugali bejniethom bdiet tiddeterjora b' mod li dahlet il-bruda fir-relazzjoni taghhom. Eventwalment fl-24 ta' Mejju 2006, il-

partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali; u llum il-konvenuta tghix ma' ragel iehor.

Jirrizulta wkoll li l-partijiet gejjin minn familji membri tax-Xhieda ta' Gehova; u li skond in-normi ta' din l-organizzazzjoni l-membri ghandhom jithalltu fiz-zwieg ma' membri ta' l-istess ghaqda. Rizultat ta' dan, il-membri lokali li xtaqu jizzewgu, dak iz-zmien kellhom ghazla limitatissima dwar is-sieheb jew siehba taghhom. Il-konvenuta tilmenta mill-fatt li meta hi ta' 13-il sena bdiet tfittex li jkollha relazzjoni ma' guvni, l-ghazla taghha kienet limitata ghal circa hames guvintur. Eventwalment kienet qabdet ma' l-attur li dak iz-zmien kellu 17-il sena, u r-relazzjoni kompliet, anke bl-inkoraggjament tal-genituri taghhom li kienu kuntenti hafna bil-fatt li t-tfal taghhom kienu ser jizzewgu fl-istess ghaqda.

Jissemma incident ta' meta l-konvenuta kellha 16-il sena, hi kienet marret tiehu drink ma' guvni iehor, bir-rizultat li kienu nqalghulha diversi problemi, dejjem minhabba t-twemmin ta' l-ghaqda li kienu fiha; izda l-affarijiet kienu trangaw, u eventwalment il-partijiet izzewgu fid-data msemmija.

Illi wara circa sena u nofs ta' zwieg, bdiet diehla l-bruda fir-relazzjoni matrimonjali ta' bejn il-partijiet, partikolarment da parti tal-konvenuta li kienet turi certu riluttanza ghall-att taz-zwieg meta avvicinata minn zewgha l-attur. Sussegwentement irrizulta li l-konvenuta kienet dahlet f' relazzjoni extra matrimonjali.

Jirrizulta wkoll li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal, stante li l-att taz-zwieg dejjem sar bi prekawzjoni sabiex il-konvenuta ma tohrogx tqila. Izda dwar dan l-aspett hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet, fis-sens li, filwaqt li l-attur jghid li huma dejjem kellhom il-hsieb li jkollhom it-tfal izda wara li jissodaw il-pozizzjoni finanzjarja taghhom, u li eventwalment kienet il-konvenuta li ma rieditx tfal fiz-zwieg; il-konvenuta minn naha taghha tghid li t-tnejn riedu tfal qabel iz-zwieg, izda sussegwentement ghaz-zwieg, it-tnejn kienu fthemu li jaghmlu l-att taz-zwieg dejjem b' xi

forma ta’ prekawzzjoni;  u dana sakemm tkissret ir-relazzjoni matrimonjali ta’ bejniethom.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi din il-Qorti hija tal-fehema li l-konvenuta ma kellhiex il-volonta’ hielsa meta hija qabdet, u kompliet bir-relazzjoni li kellha ma’ l-attur.  Kienu l-eta’ zghira taghha, fl-isfond tac-cirkostanzi li sabet ruhha fihom, li spingewha sabiex tkompli bir-relazzjoni u tizzewweg.  Dan jispjega kif fi ftit taz-zmien wara z-zwieg hija kienet thossha, u tidher li kienet tkun imdejqa;  bir-rizultat li eventwalment dahlet f’ relazzjoni extra matrimonjali.

Il-Qorti f’dan il-kaz tirravviza l-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta’ l-artikolu precitat, da parti tal-konvenuta li, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali ma gharrfitx u ma apprezzatx bizzejjed il-konsegwenzi tal-hajja matrimonjali, u cioe’ d-drittijiet u l-obbligazzjonijiet li din necessarjament timporta.  Illi minn naha ta’ l-attur, il-Qorti ma tara xejn censurabbli.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici, u tiddikajra null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-30 ta’ Ottubru 1998. L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------